# Dikjarazzjoni

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

# Dikjarazzjoni 05/2021 dwar l-Att dwar il-Governanza tad-*Data* fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi

## Adottata fid-19 ta' Mejju 2021

**Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:**

Fid-9 ta' Marzu 2021, l-EDPS u l-EDPB adottaw l-Opinjoni Konġunta dwar il-Proposta għal Att dwar il-Governanza tad-*Data* (DGA)[1], li ġiet ippreżentata wkoll fil-Parlament Ewropew waqt is-seduta ta' smigħ tal-Kumitat LIBE tas-16 ta' Marzu 2021[2].

L-EDPB qiegħed isegwi mill-qrib il-ħidma tal-koleġiżlaturi dwar din l-inizjattiva leġiżlattiva importanti, li -aħna nfakkru- fiha dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data*, inkluż id-*data* personali, fil-kuntest tal-użu mill-ġdid tad-*data* miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, ta' "servizzi għall-kondiviżjoni tad-*data*" (li jinkludu wkoll l-hekk imsejħa sensara tad-*data*), u fil-kuntest tal-ipproċessar tad-*data* (inkluż id-*data* personali dwar is-saħħa) minn organizzazzjonijiet tal-"altruiżmu fir-rigward tad-*data*".

Id-DGA se jkollu impatt serju fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi fl-UE kollha. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ipproċessar tad-*data* personali jkun tabilħaqq l-attività ewlenija tal-entitajiet imsemmija hawn fuq[3], u għalhekk dwar id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet

[1] Opinjoni Konġunta 03/2021 tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza tad-*data* Ewropea (l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*), disponibbli fuq: [Opinjoni Konġunta tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza tad-*data* Ewropea (l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*) | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (europa.eu)]

[2] Ara l-abbozz tal-aġenda tas-seduta tas-smigħ [hawnhekk]

[3] Jekk mhux l-attività esklużiva, fil-każ pereżempju ta' fornituri ta' servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data* skont l-ittra (b) tal-Artikolu 9 tad-DGA, li jirreferu esklussivament għad-*data* personali.

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), u fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dawk id-drittijiet huma espressjoni ta' importanza kbira tal-valuri tal-Unjoni Ewropea.

**Mingħajr salvagwardji sodi tal-protezzjoni tad-*data*, hemm ir-riskju li l-(fiduċja fl-) ekonomija diġitali ma tkunx sostenibbli. Fi kliem ieħor, l-użu mill-ġdid tad-*data*, il-kondiviżjoni u d-disponibbiltà tad-*data* jistgħu jiġġeneraw benefiċċji, iżda wkoll tipi varji ta' riskju ta' danni għall-persuni kkonċernati u għas-soċjetà kollha kemm hi, b'impatt fuq l-individwi minn perspettiva ekonomika, politika u soċjali[4].**

**Biex jiġu indirizzati u jittaffew dawn ir-riskji, u biex titrawwem il-fiduċja tal-individwi, il-prinċipji u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* jridu jiġu implimentati sa mit-tfassil bikri tal-ipproċessar tad-*data*, speċjalment meta dan tal-aħħar jikkonċerna *data* personali li ma tkunx inkisbet direttament mill-persuna fiżika/individwu kkonċernata.** Barra minn hekk, id-DGA għandu jkun konsistenti mhux biss mal-GDPR iżda wkoll ma' liġijiet oħra tal-Unjoni u nazzjonali, b'mod partikolari d-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa[5], u b'hekk jirrispondi għall-prinċipju ġenerali tal-istat tad-dritt, u jipprovdi ċertezza legali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-persuni ġuridiċi u l-individwi kkonċernati.

Il-memorandum ta' spjegazzjoni tad-DGA jgħid, *"l-interazzjoni mal-leġiżlazzjoni dwar id-data personali hija partikolarment importanti. Permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-UE stabbilixxiet qafas legali sod u fdat għall-protezzjoni tad-data personali u standard għad-dinja."*[6]

## L-iżgurar tal-konsistenza bejn id-DGA u l-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*

Madankollu, kif enfasizzat fl-Opinjoni Konġunta, **id-DGA għandu diversi inkonsistenzi sinifikanti mal-GDPR, minkejja d-dikjarazzjoni fil-premessa li huwa "mingħajr preġudizzju" għall-GDPR[7].**

L-EDPB jinnota li dawn l-inkonsistenzi sa issa għadhom ma ġewx indirizzati fl-Abbozz tar-Rapport ITRE tas-26 ta' Marzu 2021[8]. Madankollu, l-EDPB jilqa' l-fatt li xi kritiċitajiet imqajma fl-Opinjoni Konġunta huma indirizzati fit-test ta' kompromess tal-Presidenza tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2021[9].

**Biex jiġu indirizzati dawn l-inkonsistenzi, aħna nħeġġu lill-koleġiżlaturi biex jikkunsidraw bir-reqqa**[10]:

---

[4] Bħala eżempju, fin-nuqqas ta' salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-*data*, id-*data* miġbura tista' tintuża biex jinbnew profili dettaljati ta' individwi u tintuża b'mod li jimmina l-interessi tagħhom (eż. diskriminazzjoni fil-prezz jew manipulazzjoni fil-kuntest ta' kampanji elettorali). Ara fin-nota 60 f'qiegħ il-paġna f'paġna 31 tal-Opinjoni Konġunta, dwar ir-riskju tal-użu ta' *data* personali għal skopijiet mhux relatati.

[5] Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56.

[6] Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 1.

[7] Ara fit-Taqsima 3.2 tal-Opinjoni Konġunta.

[8] Disponibbli hawnhekk.

[9] Disponibbli hawnhekk.

[10] Ara fit-taqsima 3.2 tal-Opinjoni Konġunta, fejn dawn l-aspetti kritiċi huma mfakkra fil-bidu bħala punti żviluppati aktar fl-Opinjoni Konġunta.

• L-ewwel, **l-"interazzjoni" bejn id-DGA u l-GDPR** għandha tiġi ċċarata skont l-Artikolu 1 tad-DGA, meta l-GDPR jitqies bħala regolament li jipprovdi s-"sisien" għal kwalunkwe qafas legali solidu u affidabbli.

• It-tieni, **id-definizzjonijiet/it-terminoloġija** użati fid-DGA jeħtieġu integrazzjonijiet u emendi sabiex jinġiebu konformi mal-GDPR.

• It-tielet, **id-DGA għandu jiċċara mingħajr ambigwità li l-ipproċessar ta' *data* personali għandu dejjem ikun ibbażat fuq bażi ġuridika xierqa skont l-Artikolu 6 tal-GDPR**, kif ukoll fuq deroga speċifika skont l-Artikolu 9 fil-każ ta' ppproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali.

• Ir-raba', bħala prekundizzjoni għal qafas legali ċar, **id-dispożizzjonijiet tad-DGA għandhom jispeċifikaw jekk jirreferux għal *data* mhux personali, *data* personali jew it-tnejn,** u jispeċifikaw ukoll li fil-każ ta' **"settijiet ta' *data* mħallta"** japplika l-GDPR[11].

• Il-ħames, ir-rekwiżit kostituzzjonali (skont l-Artikolu 16(2) TFUE), li skont dan **l-Awtoritajiet Superviżorji indipendenti stabbiliti skont il-GDPR (l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-*Data*) huma "l-"awtoritajiet maħtura kompetenti għall-protezzjoni tad-*data* personali u għall-faċilitazzjoni tal-fluss liberu tad-*data* personali,** għandu jiġi rifless fid-DGA.

Dan ifisser li **l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-*Data* għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti ewlenin fil-kuntest tad-DGA u sa fejn tkun involuta d-*data* personali,** filwaqt li jitqiesu l-korpi tas-settur pubbliku, l-utenti mill-ġdid, il-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*, l-utenti tad-*data*, l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* li jipproċessaw id-*data* personali, kif ukoll għall-iżvilupp ta' linji gwida dwar teknoloġiji ta' infurzar tal-privatezza (PETs) jew dwar Sistemi ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni Personali (PIMS) biex titrawwem innovazzjoni responsabbli tad-*data*.

Kif imfakkar fl-Opinjoni Konġunta[12], "Skont il-kompetenzi u l-kompiti tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* diġà għandhom għarfien espert speċifiku fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*, l-awditjar ta' attivitajiet speċifiċi tal-ipproċessar tad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data*, il-valutazzjoni tal-miżuri adegwati biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà għall-ħżin u t-trażmissjoni tad-*data* personali, kif ukoll fil-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni fost il-kontrolluri u l-proċessuri tal-obbligu tagħhom relatat mal-ipproċessar tad-*data* personali." Naturalment, it-twettiq effettiv ta' kompiti ġodda skont id-DGA, li għandhom jiġu assenjati primarjament lill-awtoritajiet indipendenti tal-protezzjoni tad-*data*, u lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, f'konformità mal-Artikolu 16(2) TFUE, jirrikjedi l-forniment xieraq ta' riżorsi umani, finanzjarji u tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

F'dan ir-rigward, l-EDPB jilqa' l-kliem addizzjonali fl-Artikolu 1(3) tat-test ta' kompromess tal-Kunsill u r-referenza speċifika għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji. Għal raġunijiet ta' ċarezza, u konxju mid-diskrezzjoni li jgawdu l-koleġiżlaturi, l-EDPB jirrakkomanda li fit-test legali tad-DGA (Artikolu 1)

---

[11] Fejn **is-settijiet ta' *data* jgħaqqdu kemm *data* personali kif ukoll *data* mhux personali**, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, *Gwida dwar ir-Regolament dwar qafas għall-fluss liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea*, COM/2019/250 finali, tenfasizza li "jekk il-parti tad-*data* mhux personali u l-partijiet tad-*data* personali jkunu "marbutin b'mod indirett", id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* li joħorġu mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* japplikaw bis-sħiħ għas-sett tad-*data* mħallat kollu, anki meta d-*data* personali tkun tirrappreżenta biss parti żgħira tas-sett ta' *data*."

[12] Ara para. 153 tal-Opinjoni Konġunta.

tiddaħħal il-formulazzjoni li ġejja tal-Artikolu 1(3) tal-proposta ta' kompromess tal-Kunsill (kliem b'tipa grassa miżjud: **"kompetenzi u"):**

*"IId-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali għandhom japplikaw għal kwalunkwe data personali pproċessata b'rabta ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, inkluż il-**kompetenzi u** s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji. F'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, dan tal-aħħar jipprvali. Dan ir-Regolament ma jipprovdix bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali."*

**Barra minn hekk, l-EDPB jappella lill-koleġiżlaturi biex jiżguraw li r-rakkomandazzjoni ġenerali tiegħu fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti maħtura u l-governanza fil-livell tal-Unjoni tkun riflessa fl-iżvilupp tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk tkun inkluża espliċitament fit-test legali tad-DGA.**

## B'mod partikolari, wara li kkunsidra d-definizzjonijiet stabbiliti fid-DGA

L-Opinjoni Konġunta tindika li **d-definizzjonijiet previsti mill-GDPR għandhom japplikaw u ma għandhomx jiġu emendati jew imneħħija impliċitament mid-DGA, peress li dan itellef id-definizzjonijiet taż-żewġ oqfsa legali, u b'hekk joħloq inċertezza legali[13].** Barra minn hekk, id-definizzjonijiet il-ġodda introdotti fid-DGA, sakemm dawn jirrelataw mal-ipproċessar tad-*data* personali, ma għandhomx, fil-fatt, jinkludu "regoli" li huma inkompatibbli mal-GDPR[14]. Dan huwa tabilħaqq punt kruċjali, li l-EDPB jista' jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi jitfgħu l-attenzjoni fuqu.

Min-naħa waħda, id-DGA għandu jkun fih id-definizzjonijiet ta' "*data* personali", "suġġett tad-*data*", "kunsens" u "ipproċessar" li jirreferu għad-definizzjonijiet fil-GDPR[15]; min-naħa l-oħra, id-definizzjonijiet tad-DGA ta' "metadata", "detentur tad-*data*", "utent tad-*data*", "kondiviżjoni tad-*data*", "altruiżmu fir-rigward tad-*data*", għandhom jiġu emendati biex jiġu evitati inkonsistenzi u inċertezza legali, u biex ikunu konformi man-"natura tad-drittijiet involuti", jiġifieri l-karattru personali tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali bħala dritt relatat ma' kull persuna[16], u bħala dritt inaljenabbli, li "ma jistax jiġi rinunzjat", u lanqas magħmul bħala oġġett ta' drittijiet ta' proprjetà[17].

F'dan ir-rigward, l-EDPB jiddispjaċih dwar ir-referenza għall-"iskambju, il-ġbir flimkien tad-*data* jew in-negozjar tad-*data*" kif miżjuda fit-test ta' kompromess tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta' "fornitur tas-servizz għall-kondiviżjoni tad-*data*", peress li fir-rigward tad-*data* personali, jissuġġerixxi l-idea li n-negozjar tagħhom jiġi leġittimat u għalhekk huwa inkonsistenti mal-karattru personali tad-

---

[13] Ara fis-Subtaqsima 3.2.B. tal-Opinjoni Konġunta.

[14] Ara l-paragrafu 44 tal-Opinjoni Konġunta.

[15] Ara f'dan ir-rigward, test ta' kompromess tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2021.

[16] Ara fil-paragrafu 34 tal-Opinjoni Konġunta, b'referenza għall-Artikolu 8 tal-Karta: "*1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha. 2. Din id-data għandha tiġi pproċessata b'mod ġust għal finijiet speċifiċi u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi.*"

[17] F'dan ir-rigward, fil-paragrafu 118 tal-Opinjoni Konġunta: "l-inċentiv ċar biex tiġi "mmonetizzata" d-*data* personali jżid ukoll l-importanza fuq il-konformità mal-protezzjoni tad-*data*", u n-nota 54 f'qiegħ il-paġna: "F'dan ir-rigward, l-EDPB qiegħed jiżviluppa gwida dwar il-ġbir u l-użu ta' *data* personali b'remunerazzjoni finanzjarja." Ara wkoll in-nota 61 f'qiegħ il-paġna, f'paġna 30 tal-Opinjoni Konġunta.

dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Tabilħaqq, meta jitqies li l-protezzjoni tad-*data* hija dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta, u meta jittieħed inkunsiderazzjoni li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-GDPR huwa li jipprovdi kontroll lis-suġġetti tad-*data* fuq id-*data* personali relatata magħhom, **l-EDPB itenni li d-*data* personali ma tistax titqies bħala "komodità negozjabbli". Konsegwenza importanti ta' dan hija li, anki jekk is-suġġett tad-*data* jista' jaqbel mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, ma jistax jirrinunzja għad-drittijiet fundamentali tiegħu**[18]**.** Bħala konsegwenza oħra, il-kontrollur li lilu ngħata l-kunsens mis-suġġett tad-*data* għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu mhuwiex intitolat biex "jiskambja" jew "jinnegozja" *data* personali (bħala l-hekk imsejħa "kommodità") b'tali mod li ma jkunx konformi mal-prinċipji u r-regoli kollha applikabbli tal-protezzjoni tad-*data*.

Bħala eżempju ta' dispożizzjoni li tista' twassal għal interpretazzjoni li ma tikkonformax mal-"karattru personali" msemmi hawn fuq, l-Artikolu 2(5) tad-DGA jiddefinixxi d-"detentur tad-*data*" (inkluż persuni ġuridiċi) bħala li għandu, fost l-oħrajn, id-dritt li jagħti aċċess għal jew li jikkondividi *data* personali taħt il-kontroll tiegħu[19]. F'dan ir-rigward, l-EDPB jirrimarka li l-GDPR jiggarantixxi lil kull individwu d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li jistabbilixxi sistema ta' kontrokontrolli biex tipproteġi l-individwu kull meta tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħu[20]. L-ipproċessar tad-*data* personali għandu jkun konformi mal-prinċipji (fosthom: il-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni) u r-regoli, inkluż dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* (pereżempju: id-dritt għall-informazzjoni, inkluż dwar it-tfassil ta' profili li jikkonċernawh; id-dritt ta' aċċess; għar-rettifika; għat-tħassir; li ma jkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati b'mod sħiħ li jaffettwawh b'mod sinifikanti) li ma jistgħux jiġu rinunzjati mis-suġġett tad-*data*. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li, minflok ma tirreferi għal persuna ġuridika li "għandha d-dritt li tagħti aċċess jew li tikkondividi" *data* personali, id-definizzjoni ta' detentur tad-*data* għandha, jekk tinżamm, tirreferi għall-ipproċessar tad-*data* personali u l-kundizzjonijiet tagħha skont il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*[21].

Kif speċifikat fil-formulazzjoni proposta għall-Artikolu 1 tad-DGA, sa fejn jirrigwarda d-*data* personali, il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* tipprevali (dwar regoli kunfliġġenti)[22]. Madankollu, **huwa essenzjali li tiġi evitata kwalunkwe regola jew interpretazzjoni kunfliġġenti fit-test kollu tar-regolament, anke biex tittejjeb il-leġibbiltà fil-pront tat-test legali.**

---

[18] Ara l-Linji gwida tal-EDPB 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data* disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/sites/default/files/files/file1/edpb_guidelines-art_6-1-b-adopted_after_public_consultation_en.pdf

[19] Ara l-paragrafi 29-31 tal-Opinjoni Konġunta. Ara wkoll ir-referenza mhux ċara għad-*data* **"tagħhom"** skont l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 19, u 19(1)(a), enfasizzata wkoll fl-Opinjoni Konġunta.

[20] Ara fil-paragrafi 29 et seq. tal-Opinjoni Konġunta

[21] Ara fil-paragrafu 31 tal-Opinjoni Konġunta.

[22] Fl-istess sens, ara d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali, ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1, l-Artikolu 3(8): "Il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali għandha tapplika għal kwalunkwe *data* personali pproċessata b'rabta mal-kuntratti msemmija fil-paragrafu 1. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Fil-każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, din tal-aħħar tipprevali."

**F'dan is-sens, għandha tiġi introdotta definizzjoni tat-terminu "awtorizzazzjoni" (mill-entitajiet ġuridiċi għall-użu mill-ġdid tad-*data*) biex tiċċara mingħajr ebda ambigwità għal dak li tirreferi eżattament għalih (tip ta' *data*). Kif intqal fl-Opinjoni Konġunta, aħna nikkunsidraw li t-terminu għandu jirreferi biss għal *data* mhux personali, għal raġunijiet ta' ċarezza[23].**

## Tħassib relatat mal-kapitoli settorjali tad-DGA

**L-EDPB għandu wkoll tħassib sinifikanti dwar il-Kapitoli "settorjali" tad-DGA (II, III u IV) u jixtieq jfakkar xi wħud minnhom minn hawn 'il quddiem:**

• Rigward il-Kapitolu II tad-DGA, infakkru li l-Opinjoni Konġunta tirrakkomanda li **fil-parti sostantiva tad-DGA tiġi inkluża l-ispeċifikazzjoni fil-premessa 7**, jiġifieri li "[.] id-*data* personali taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 [in-nota tagħna: u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DGA] sakemm ir-reġim ta' aċċess jeskludi jew jillimita l-aċċess għal tali *data* għal raġunijiet ta' privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-*data*"[24].

Dan ifisser li d-DGA japplika b'mod partikolari għall-kamp ta' applikazzjoni maħruġ mid-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa skont l-Artikolu 1(2)(h), jiġifieri: *"dokumenti, li l-aċċess għalihom huwa eskluż jew ristrett minħabba r-reġimi ta' aċċess għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data personali, u partijiet ta' dokumenti aċċessibbli permezz ta' dawk ir-reġimi li fihom data personali li l-użu mill-ġdid tagħha ġie definit mil-liġi bħala inkompatibbli mal-liġi dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali jew bħala li jimminaw il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali".* Minħabba s-sensittività tad-*data* personali inkwistjoni, biex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali fl-UE ma jitbaxxiex, kif ukoll għaċ-ċertezza legali, l-Opinjoni Konġunta tirrakkomanda **l-allinjament tal-Kapitolu II tal-Proposta mar-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fil-GDPR u mad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa**. Alternattivament, l-Opinjoni Konġunta tistieden lill-koleġiżlaturi jikkunsidraw l-**esklużjoni ta' *data* personali** mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu[25].

Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-kunsens tas-suġġett tad-*data* jista' ma jiġix ikkunsidrat bħala mogħti liberament minħabba l-iżbilanċ tas-setgħa li ħafna drabi jkun preżenti fir-relazzjoni bejn is-suġġett tad-*data* u l-awtoritajiet pubbliċi, l-Opinjoni Konġunta tesprimi tħassib dwar l-Artikolu 5(6) tad-DGA[26], u, b'mod aktar wiesa', tistieden lill-koleġiżlaturi **jiddefinixxu b'mod ċar fil-Proposta mudelli adegwati ta' "parteċipazzjoni ċivika", li permezz tagħhom l-individwi jistgħu jipparteċipaw, b'mod miftuħ u kollaborattiv, fil-proċess tad-definizzjoni tax-xenarji li jippermettu l-użu mill-ġdid tad-*data* personali tagħhom, wara approċċ minn isfel għal fuq għal proġetti ta' *data* miftuħa.**

---

[23] Ara fil-paragrafi 47 et seq. tal-Opinjoni Konġunta.
[24] Ara fil-paragrafu 69 tal-Opinjoni Konġunta.
[25] Ara fil-paragrafu 71 tal-Opinjoni Konġunta.
[26] Artikolu 5(6): "Meta l-użu mill-ġdid tad-*data* ma jkunx jista' jingħata skont l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 5 u ma jkun hemm l-ebda bażi ġuridika oħra għat-trażmissjoni tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679, **il-korp tas-settur pubbliku għandu jappoġġja lill-utenti mill-ġdid biex ifittxu l-kunsens tas-suġġetti tad-*data*** u/jew permess mill-entitajiet ġuridiċi li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati minn tali użu mill-ġdid, fejn dan ikun fattibbli mingħajr spejjeż sproporzjonati għas-settur pubbliku. F'dak il-kompitu huma jistgħu jkunu assistiti mill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1)."

L-Opinjoni Konġunta tirrakkomanda wkoll **li d-DGA jiġi emendat biex jiġi ċċarat li l-użu mill-ġdid ta' *data* personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku jista' jkun permess biss jekk ikun ibbażat fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi ta' Stat Membru** li tistabbilixxi lista ta' għanijiet kompatibbli ċari li għalihom l-ipproċessar ulterjuri jista' jkun awtorizzat legalment jew jikkostitwixxi miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex jiġu salvagwardjati l-objettivi msemmija fl-Artikolu 23 tal-GDPR [27].

L-EDPB ifakkar ukoll li l-inklużjoni ta' *data* miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li hija protetta għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità statistika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II tad-DGA, skont l-Artikolu 3(1)(b), tirriskja li tikkontradixxi l-prinċipju li skontu d-*data* personali miġbura għall-fini tal-istatistika għandha tintuża biss għal dak l-għan[28]. Ir-rispett ta' dan il-prinċipju huwa kruċjali biex ma tiddgħajjefx il-fiduċja tal-persuna kkonċernata meta tipprovdi d-*data* personali tagħha għal finijiet statistiċi[29].

• Fir-rigward tal-Kapitolu III, **id-DGA għandu jispeċifika fost il-kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizz(i) tal-kondiviżjoni tad-*data*, li l-fornitur għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, inkluż proċeduri biex jiġi żgurat l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.** B'mod partikolari, il-fornitur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suġġett tad-*data* għodod faċilment aċċessibbli li jippermettulu li mhux biss jipprovdi iżda wkoll *li jirtira* l-kunsens; u jipprovdi għodod li jippermettu ħarsa komprensiva ta' kif u għal liema għan speċifiku d-*data* personali tiegħu hija kondiviża[30].

Barra minn hekk, id-DGA għandu jfakkar l-**obbligu fejn applikabbli li titwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35 tal-GDPR,** u, f'każ ta' riskji għoljin residwi għall-persuni kkonċernati, li ssir konsultazzjoni mal-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* qabel l-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 36 tal-GDPR[31].

• **L-istess rekwiżiti għandhom jiġu speċifikati mid-DGA fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data***[32]. Dawn is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* jridu jiġu integrati fid-DGA wkoll minħabba t-tikkettar – bħala fornitur tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data* jew bħala "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* rikonoxxuta fl-Unjoni"- li jkunu mgħejuna minn dawn l-entitajiet legali biex jiksbu l-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu jew tagħha mis-suġġett tad-*data*, li jara li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' tali *data*.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, kif innutat fl-Opinjoni Konġunta, **l-EDPB jikkunsidra li r-reġim dikjaratorju għan-notifika/għar-reġistrazzjoni previst rispettivament mid-DGA għall-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data* u l-organizzazzjonijiet tal-altruiżmu fir-rigward tad-*data* ma jipprovdix proċedura ta' skrutinju li tkun rigoruża biżżejjed,** filwaqt li jitqiesu l-impatti possibbli għas-suġġetti tad-*data* tal-ipproċessar tad-*data* personali li jista' jitwettaq minn tali entitajiet. Għalhekk, **l-EPDB jirrakkomanda li jiġu esplorati proċeduri alternattivi li b'mod partikolari għandhom iqisu l-**

---

[27] Ara fil-paragrafu 77 tal-Opinjoni Konġunta. Ara wkoll il-paragrafi 75 u 76 tal-Opinjoni Konġunta.
[28] Ara l-premessa 27 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea; kif ukoll l-Artikoli 4(1) u 4(2) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (97)18 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali miġbura u pproċessata għal finijiet statistiċi.
[29] Ara fin-nota 36 f'qiegħ il-paġna tal-Opinjoni Konġunta.
[30] Ara fis-Subtaqsima 3.4.1 u l-paragrafu 147 tal-Opinjoni Konġunta.
[31] Ara fil-paragrafu 147 tal-Opinjoni Konġunta.
[32] Ara fis-Subtaqsima 3.5.1 tal-Opinjoni Konġunta.

**inklużjoni aktar sistematika ta' għodod ta' responsabbiltà u konformità għall-ipproċessar ta'** ***data*** **personali skont il-GDPR, b'mod partikolari l-aderenza ma' kodiċi ta' kondotta jew mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni**[33].

L-EDPB jiddispjaċih li, fit-test ta' kompromess tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2021, issa hemm (espressiament) ipprovdut li r-reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruiżmu fir-rigward tad-*data* ma tkunx prekundizzjoni għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' altruiżmu fir-rigward tad-*data*, u b'hekk ikomplu jiddgħajfu l-kontrolli u s-salvagwardji għas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-aspetti kruċjali u importanti tal-protezzjoni tad-*data*. Dawn is-salvagwardji huma partikolarment importanti wkoll minħabba l-ambigwità tad-definizzjoni ta' "altruiżmu fir-rigward tad-*data"* skont id-DGA.

Barra minn hekk, **id-DGA għandu jipprovdi definizzjoni preċiża tal-"għanijiet ta' interess ġenerali" li jiġu segwiti mill-organizzazzjonijiet tal-altruiżmu fir-rigward tad-*data***[34]. Barra minn hekk, "il-formola Ewropea ta' kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-*data*" għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* għandha tiġi żviluppata f'konsultazzjoni mal-EDPB, aktar milli mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni tad-*Data* (li għad irid jiġi stabbilit)[35].

• L-Opinjoni Konġunta nnutat ir-rekwiżit ta' "indipendenza" għall-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*, kif ukoll għall-"indipendenza" tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* fid-DGA. Fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data*, l-Opinjoni Konġunta tirrakkomanda **li tiġi ċċarata l-indipendenza mill-entitajiet bi skop ta' qligħ tal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* (pereżempju legali, organizzattiva, ekonomika)**[36]**.** Wara li kkunsidrat il-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*, l-EDPB issa jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-premessa 22 tad-DGA: "[..] *Intermedjarji tad-data speċjalizzati li huma indipendenti kemm mid-detenturi tad-data kif ukoll mill-utenti tad-data jista' jkollhom rwol ta' faċilitazzjoni fil-ħolqien ta' ekosistemi ġodda mmexxija mid-data indipendenti minn kwalunkwe attur b'livell sinifikanti ta' setgħa fis-suq. [..]*" L-EDPB jenfasizza li din it-tip ta' indipendenza ta' fornituri ta' servizz ta' kondiviżjoni tad-*data* hija kruċjali kemm mill-perspettiva tal-kompetizzjoni kif ukoll tal-protezzjoni tad-*data*[37].

## Konklużjoni

**Bħala konklużjoni, l-EDPB iħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jindirizzaw il-kritiċitajiet importanti spjegati fl-Opinjoni Konġunta, biex b'hekk jiġi evitat li d-DGA joħloq sett parallel ta' regoli, mhux konsistenti mal-GDPR, kif ukoll ma' dritt ieħor tal-Unjoni, li jirriżultaw f'salvagwardji insuffiċjenti għall-individwi kkonċernati u diffikultajiet fl-applikazzjoni prattika.**

---

[33] Ara l-paragrafi 140 u 180 tal-Opinjoni Konġunta.
[34] Ara fil-paragrafi 159-160 u 170-171 tal-Opinjoni Konġunta.
[35] Ara fis-Subtaqsima 3.5.5 tal-Opinjoni Konġunta.
[36] Ara l-paragrafu 78 tal-Opinjoni Konġunta.
[37] Ara, b'mod partikolari: Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar l-impatti tal-protezzjoni tad-*data* tal-konċentrazzjoni ekonomika, adottata fis-27 ta' Awwissu 2018, "Żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq fis-swieq diġitali għandha l-potenzjal li thedded il-livell ta' protezzjoni tad-*data* u l-libertà li jgawdu l-konsumaturi tas-servizzi diġitali"; Id-Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar l-implikazzjonijiet għall-privatezza tal-fużjonijiet, adottata fid-19 ta' Frar 2020.

Din id-dikjarazzjoni, li tfakkar f’uħud mill-punti ewlenin tal-Opinjoni Konġunta, hija mingħajr preġudizzju għal dikjarazzjoni jew opinjoni futuri possibbli aktar dettaljati dwar il-pożizzjonijiet futuri tal-koleġiżlaturi.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)